# KUNSILL LOKALI
# IL-MUNXAR

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2024

**WERREJ**


1. REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET 2-5
2. IL-KUNSILL 6
3. VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ 7-8
4. DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA 9-10

IR-RAPPORTI DWAR IL-ĦIDMA TAL-MEMBRI TAL-KUNSILL



*Ippreparat minn Ryan Debrincat*

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

F'dan ir-rapport ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali Il-Munxar matul l-aħħar sena ta' ħidma. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2024. F'din is-sena kien hemm l-Elezzjonijiet Għall-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill Lokali Il-Munxar kellu membri ġodda li ser iservu fid-Disa' Leġislatura tiegħu.

### OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI

Matul is-sena 2024, ġew ippubblikati dawn is-sejħiet għall-offerti:

- Provvediment u installazzjoni ta' sistema ta' CCTVs;
- Servizzi ta' tbattil ta' tankijiet tal-iskart mix-Xlendi *Smart Waste Depot.*

### IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f'Għawdex, il-Kunsill tal-Munxar huwa responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorji u dawn huma fost l-oħrajn:

- Is-superviżjoni tal-ġbir tal-iskart domestiku, riċiklabbli u tal-ħġieġ bieb bieb;
- Servizz ta' ġbir tal-iskart goff;
- *Bring-in site* għas-separazzjoni tal-iskart;
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki stradali tat-traffiku;
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq;
- Komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti biex isiru xogħlijiet u proġetti kif ukoll estensjoni ta' xi servizzi fil-lokalita`;
- Organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali, sportivi u edukattivi;
- Tħaris tal-ambjent naturali u urban tal-lokalità.

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

**ĦIDMA SOĊJALI**

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzati fil-qasam soċjali :

- Ħarġiet kulturali f'Malta u f'Għawdex għan-nies u t-tfal tal-lokalita`;
- Sessjonijiet ta' *Fitness* u *Keep Fit* għall-adulti u l-anzjani;
- *Streaming* tal-laqgħat *online*;
- Saret l-attivita' tal-Karnival fil-Pjazza tal-Knisja;
- Rappreżentanza fl-attivita' MARA fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara f'Malta;
- Saret it-tielet edizzjoni tal-*Fireworks and Gastronomy Festival*;
- Kunċert mużikali fil-jiem ta' qabel il-Festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Pjazza tal-Knisja;
- L-organizzazzjoni ta' Festa Tfal fil-jiem ta' qabel il-Festa ta' San Pawl Nawfragu;
- Fix-xhur tas-sajf, ġiet organizzata l-Fjakkolata Tradizzjonali fix-Xlendi kif ukoll programm sħiħ ta' "I Love Xlendi Summer Events 2024" b'kollaborazzjoni mal-Ministeru Għal Għawdex;
- Kollaborazzjoni fil-Ġostra Tradizzjonali li ssir fil-bajja tax-Xlendi;
- Kollaborazzjoni fl-attivita' *Gozo Ceramics Festival*;
- B'inizjattiva tal-Kunsill Reġjonali Għawdex, ospitajna grupp ta' tfal mill-Ukraina għall-ġurnata;
- B'kollaborazzjoni mal-għaqdiet volontarji tal-lokalita' ġiet organizzata s-sitt edizzjoni ta' *Xlendi Sunset Festival*;
- Attivita' fl-okkażjoni tal-World Clean Up Day;
- Attivita' tat-tberik tal-annimali bis-sehem tal-Mellieħa Scouts Band;
- Attivita' *Munxar Static Show* b'kollaborazzjoni ma' Old Motors Club ġewwa l-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar;
- Fakkarna Jum Il-Munxar, it-12 ta'Diċembru. Saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar u wara serata tal-okkażżjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din is-sena bħal kull sena ingħata l-premju Ġieħ Il-Munxar kif ukoll rikonoxximent lil dawk li ħadu sehem fil-kors tal-bini ta' presepji organizzat mill-Kunsill;
- Tiżjin tal-Milied fit-toroq tal-Munxar u tax-Xlendi;
- Programm t'attivitajiet fi żmien il-Milied fosthom it-tqassim ta' rigali għat-tfal minn *Father Christmas* wara l-inizjattiva 'Ittra lill-Father Christmas', ħarġa għat-tfal bit-*trackless train* u film ġewwa Citadel Cinema, ħarġa soċjo-kulturali f'Għawdex fejn żorna diversi presepji u wirijiet tal-Milied, kif ukoll it-tqassim ta' ikla b'xejn lill-anzjani li jgħixu waħedhom nhar Jum il-Milied;

## 1. *Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

**PROĠETTI U XOGĦLIJIET OĦRA**

- Matul is-sena 2024, il-Kunsill iffinalizza u beda jimpliment diversi proġetti fosthom: l-installazzjoni ta' diversi fanali dekorattivi fix-Xlendi fosthom fi Triq San Xmun, Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, parti minn Triq Sant'Indrija u parti minn Triq ir-Rabat; l-installazzjoni ta' *railing* ġdid b'materjal riċiklat li jiflaħ għall-elementi li jaħkmu l-bajja tax-Xlendi;
- B'kollaborazzjoni ma' Enemalta PLC saret ħidma għat-tisħiħ tad-distribuzzjoni tal-elettriku fix-Xlendi u ingħata wiċċ ġdid lit-toroq affetwati fosthom Triq il-Qsajjem, Triq Puniċi u Triq Rumani fix-Xlendi;
- Installazzjoni ta' arloġġ dekorattiv fuq stil vittorjan fil-bajja tax-Xlendi;
- Installazzjoni ta' sistema ta' *CCTV Cameras* f'kull entratura għal-lokalita' fil-Munxar u anke fix-Xlendi sabiex il-komunita' tkun aktar sigura.
- Beda x-xogħol sabiex Il-Kunsill jibda jimplimenta proġett ta' tisbiħ fid-daħla tar-raħal fi Triq Santa Dminka fil-Munxar.
- Xogħol ta' manutenzjoni fuq l-*islipway* tax-Xlendi;
- Żbir ta' diversi siġar u qtugħ ta' ħaxix fil-lokalita';
- Xogħol ta' żamma u manutenzjoni fil-Wied tax-Xlendi;
- Manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas*;
- Kostruzzjoni ta' diversi bankini fil-Munxar u fix-Xlendi;
- Bdilna għadd ta' tabelli tat-traffiku u ta' informazzjoni;
- Bdilna diversi mirja tat-traffiku miksura u waħħalna oħrajn ġodda;
- Fuq talbiet ta' residenti, waħħalna numru ta' bozoz ġodda;
- Flimkien mal-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex saru xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajja tax-Xlendi;
- Manutenzjoni ta' diversi bankijiet li jinsabu fil-lokalita' u ġew installati oħrajn ġodda;
- Xogħol ta' *patching* fil-Munxar u fix-Xlendi.

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali Il-Munxar kien impenjat jaħdem fuqhom matul din l-aħħar sena ta' ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fil-Munxar kif ukoll fix-Xlendi.

**Damien Spiteri**
**Sindku**

**Ryan Debrincat**
**Segretarju Eżekuttiv**

# ATTENDENZA
# FIL-LAQGĦAT STATUTORJI TAL-KUNSILL

Numru ta' laqgħat fis-sena 2024: 14

| Pożizzjoni | Attendenza tal-Laqgħat |
|---|---|
| **Sindku** | |
| Damien Spiteri | 100% |
| **Viċi-Sindku** | |
| Carmela Parnis | 93% |
| **Kunsilliera** | |
| Joseph Cauchi (January 2024 – June 2024) | 17% |
| Juliet Attard (January 2024 – June 2024) | 67% |
| Mark Busuttil | 79% |
| John Farrugia (July 2024 – December 2024) | 100% |
| John Cassar (July 2024 – December 2024) | 100% |
| **Segretarju Eżekuttiv** | |
| Ryan Debrincat | 100% |

Il-membri tal-Kunsill li m'attendewx il-laqgħat statutorji kienu dejjem skużati minn dawk preżenti.

## 3. *Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2024 ATTWALI € | 2024 BUDGET € | 2023 ATTWALI € | 2024 BUDGET VAR € | 2024 ATTWALI VAR € |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 365,298 | 391,223 | 392,914 | (25,925) | (27,616) |
| Bye-laws | 18,812 | 29,800 | 21,935 | (10,988) | (3,123) |
| Investiment | 24 | 100 | 153 | (76) | (129) |
| TOTAL | **384,134** | **421,123** | **415,002** | **(36,989)** | **(30,868)** |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 119,523 | 117,157 | 116,816 | (2,366) | (2,707) |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 238,384 | 256,500 | 287,866 | 18,116 | 49,482 |
| Infieq Kapitali | 98,992 | 323,966 | 59,573 | 224,974 | (39,419) |
| TOTAL | **456,899** | **697,623** | **464,255** | **240,724** | **7,356** |
| **Bilanċ** | **(72,765)** | **(276,500)** | **(49,253)** | **(277,713)** | **(38,224)** |

## 3. *Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| DESKRIZZJONI | a<br>2024<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2024<br>STIMA<br>€ | c<br>2023<br>ATTWALI<br>€ | a-b<br>2024<br>BUDGET<br>VAR<br>€ | a-c<br>2024<br>ATTWALI<br>VAR<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 346,223 | 346,223 | 312,395 | | 33,828 |
| Supplimentari | 19,075 | 45,000 | 80,519 | | (61,444) |
| Bżonnijiet Speċjali | | | | | |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | | | | | |
| Oħrajn | | | | | |
| | **365,298** | **391,223** | **392,914** | | **(27,616)** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | 12,205 | 10,000 | 14,010 | 2,205 | (1,805) |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 1,887 | 800 | 697 | 1,087 | 1,190 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | |
| Ġenerali | 4,720 | 19,000 | 7,228 | (14,280) | (2,508) |
| | **18,812** | **29,800** | **21,935** | **(10,988)** | **(3,123)** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | 24 | 100 | 153 | (76) | (129) |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | **24** | **100** | **153** | **(76)** | **(129)** |
| **TOTAL** | **384,134** | **421,123** | **415,002** | **(11,064)** | **(30,868)** |

## 3. *Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| DESKRIZZJONI | a<br>2024<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2024<br>STIMA<br>€ | c<br>2023<br>ATTWALI<br>€ | b-a<br>2024<br>BUDGET VAR<br>€ | c-a<br>2024<br>ATTWALI VAR<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Infçq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 11,330 | 11,330 | 11,079 | | (251) |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 81,168 | 78,000 | 76,921 | (3,168) | (4,247) |
| Bonus | 5,973 | 6,800 | 8,054 | 827 | 2,081 |
| Dħul Supplimentari | 727 | 727 | 727 | | |
| Kontribuzzjonijet ta' Sigurta Soċjali | 7,325 | 6,800 | 7,035 | (525) | (290) |
| 'Allowances' | 13,000 | 13,000 | 13,000 | | |
| 'Overtime' | | 500 | | 500 | |
| | **119,523** | **117,157** | **116,816** | **(2,366)** | **(2,707)** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 12,277 | 7,500 | 9,396 | (4,777) | (2,881) |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 504 | 1,000 | 491 | 496 | (13) |
| Tiswijiet u manutenzjoni | 49,395 | 45,000 | 56,126 | (4,395) | 6,731 |
| Kera | 9,739 | 3,700 | 4,129 | (6,039) | (5,610) |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 500 | 750 | 500 | 250 | |
| Spejjeż tal-Uffiċċju | 6,234 | 4,000 | 8,147 | (2,234) | 1,913 |
| Trasport | 4,232 | 1,500 | 6,442 | (2,732) | 2,210 |
| Vjaġġar/safar | | | | | |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 45 | 200 | 95 | 155 | 50 |
| Servizzi b' Kuntratt | 79,303 | 79,000 | 65,730 | (303) | (13,573) |
| Servizzi Professjonali | 19,538 | 31,000 | 27,106 | 11,462 | 7,568 |
| Training | | 500 | | 500 | |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita` | 54,414 | 81,350 | 108,891 | 26,936 | 54,477 |
| Spejjeż Inċidentali | 2,203 | 1,000 | 813 | (1,203) | (1,390) |
| | **238,384** | **256,500** | **287,866** | **18,116** | **49,482** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' proprjeta` | | | | | |
| Bini | | | | | |
| Titjib | | | | | |
| Makkinarju u Apparat | 536 | 25,000 | 561 | 24,464 | 25 |
| Proġetti Speċjali | 98,456 | 298,966 | 59,012 | 200,510 | (39,444) |
| | **98,992** | **323,966** | **59,573** | **224,974** | **(39,419)** |
| **TOTAL** | **456,899** | **697,623** | **464,255** | **240,724** | **7,356** |

*4. Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

## Kont HSBC Bank Account 071-115034-001

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 700,598.04 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2024 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 39,280.06 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **661,317.98** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2024** | 661,317.98 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2024 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2024 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 661,317.98 |

## Kont Bank of Valletta Savings 12415297027

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 6.005.68 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2024 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 6.005.68 |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2024** | 6.005.68 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2024 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2024 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 6.005.68 |

## *4. Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

**Kont Bank of Valletta Current – LC Other Entities** 50017420209

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 351.64 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2024 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 351.64 |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2024** | 351.64 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2024 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2024 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 351.64 |